**30 ta' Diċembru, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prog. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Dottor Carmelo Vella *et*

*versus*

Is-Segretarju tad-Djar *et*

## Interess Pubbliku – Ordni ta' Rekwiżizzjoni

*Ħaġa jew għemil ma jitqiesx illi sar fl-interess pubbliku jekk jaqdi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta ma għandux applikazzjoni għall-ġeneralità taċ-ċittadini.*

1. L-atturi huma l-proprjetarji tal-fondi adjaċenti f'Ħal-Kirkop, wieħed f'14, Kirkop Square u l-ieħor 18, St. John's Alley. Ta' l-ewwel ġie rekwiżizzjonat fit-13 ta' Diċembru, 1955, u l-konvenut Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali jħallas il-kera lill-atturi, għalkemm il-fond huwa okkupat mis-Soċjetà Filarmonika San Leonardo. It-tieni wieħed fit-30 ta' Diċembru 1986, ġie rekwiżizzjonat ukoll, u fis-16 ta' Marzu, 1987, ġie allokat ukoll lill-istess Soċjetà Filarmonika;

2. L-istess soċjetà esegwiet alterazzjonijiet strutturali fil-fondi u ħadet ukoll pussess ta' ġnien li ma kienx parti integrali minn dawn il-fondi għalkemm kien hemm aċċess għalih kemm minn fond u kemm mill-ieħor;

3. Minn dawn il-fatti, l-atturi b'ċitazzjoni fil-Qorti Ċivili Prim'Awla, dehrilhom li dawk l-attijiet saru b'abbuż ta' u bi ksur tal-provvedimenti ta' l-Att dwar id-Djar (Kap. 125) għaliex (a) ir-rekwiżizzjoni numru 29580 tat-30 ta' Diċembru, 1986, ma ħarġitx fl-interess pubbliku kif irid l-art. 4(1) Kap. 125, imma biss biex jiġi akkomodat każin tal-banda; u barra minn dan ħarġet fil-konfront ta' persuna mejta; (b) ma setax jittieħed il-ġnien għaliex dan ma kienx jagħmel parti minn djar jew bini jew li huwa magħluq fihom; (ċ) it-tibdil strutturali li għamlet is-Soċjetà Filarmonika jeċċedu l-poteri tad-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ġiet mitluba biex (1) tiddikjara illi l-Ordni ta' rekwiżizzjoni numru 29580 maħruġ fit-30 ta' Diċembru, 1986, tikser id-

disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 125 u konsegwentement hija nulla u bla effett; (2) tordna lid-Direttur u lill-konvenuti l-oħra, sabiex jirrilaxxjaw il-pussess u d-detenzjoni tal-fond 18, St. John's Alley, Ħal-Kirkop, lill-attur; u (3) tiddikjara l-konvenuti *in solidum* responsabbli għall-ħsarat li kkawżaw fil-fond u fil-ġnien;

4. Is-Soċjetà Filarmonika eċċepiet illi (a) ir-rekwiżizzjoni toħroġ skond id-diskrezzjoni tad-Direttur u mhix sindakabbli mill-Qorti; (b) il-ġnien jifforma parti integrali mill-fond numru 18, St. John's Alley; (ċ) m'huwiex minnu li ġew ikkawżati ħsarat fil-fond meta saru x-xogħlijiet strutturali li huma ta' beneficċju għas-sid;

5. Da parti tiegħu, id-Direttur oppona illi (a) il-Qorti mhix kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' kawża bħal din, skond ma jirregola l-art. 742(3) Kap. 12; u (b) huwa aġixxa skond il-liġi rilevanti – il-Kap. 125 tal-Liġijiet;

6. Fid-9 ta' Ottubru, 1991, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, iddisponiet mill-kawża billi qalet:

"4. F'dan l-istadju għandha tiġi kkonsiderata l-eċċezzjoni preliminari tas-Segretarju tad-Djar. Din hija li din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni fil-każ *stante* li jirrigwarda funzjoni pubblika a terminu ta' l-artikolu 742(3) tal-Kap. 12. Dan l-artikolu jiddisponi: "Ebda Qorti f'Malta ma għandha ġurisdizzjoni li tordna lill-Gvern jew lil xi awtorità mwaqqfa fil-Kostituzzjoni jew lil xi persuna li jkollha kariga pubblika, biex tagħmel xi għemil jew ħaġa li tkun tappartjeni lill-funzjonijiet pubbliċi tagħha, meta dak l-għemil jew dik il-ħaġa tkun fis-setgħa tagħha li tagħmel jew li ma tagħmilx; lanqas ma għandha xi Qorti

bħal dik ġurisdizzjoni li tiddikjara b'xi għemil jew ħaġa hekk kif intqal qabel kellha jew ma kellhiex jew għandha jew ma għandhiex issir: iżda għemil jew ħaġa għandha titqies li hi fis-setgħa ta' persuna jew awtorità li tagħmel jew li ma tagħmilx kemm-il darba ma jkunx ipprovdut b'mod ċar u espliċitu b'liġi miktuba li l-għemil jew ħaġa għandha jew m'għandhiex issir'';

5. M'hemmx kwistjoni li s-Segretarju tad-Djar huwa persuna li għandha kariga pubblika. Bl-ewwel domanda tagħhom l-atturi ovvjament jallegaw li s-Segretarju tad-Djar ma kellux il-poter li jirrekwiżizzjona d-dar in kwistjoni billi din ir-rekwiżizzjoni ma saritx fl-interess pubbliku. Il-liġi, fl-artikolu 3(1) Kap. 125, tiddisponi espressament li s-Segretarju jista' joħroġ rekwiżizzjoni jekk ''jidhirlu li hu meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk fl-interess pubbliku jew biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar jew biex jiżgura t-taqsim xieraq ta' postijiet fejn wieħed jista' jgħammar...'' Jiġifieri l-liġi tipprekludi lis-Segretarju mir-rekwiżizzjoni ta' fondi għal xi skop divers minn dawn imsemmijin hawn fuq, b'mod li tali rekwiżizzjoni m'hijiex fis-setgħa tas-Segretarju. Għalhekk din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċidi jekk l-ordni ta' rekwiżizzjoni in kwistjoni ġiex maħruġ fl-interess pubbliku għall-fini ta' l-ewwel dománda;

6. L-atturi jsostnu li r-*requisition order* ma ġiex maħruġ fl-interess pubbliku billi l-fond ġie allokat lill-Każin tal-Banda konvenut, li ġà kellu l-lokal tiegħu. Għalhekk il-fond ġie rekwiżizzjonat, kif jgħidu l-atturi fid-dikjarazzjoni, ''biex jiġi akkomodat każin li diġà kellu każin'';

7. ''Il-kliem 'interess pubbliku', in kwantu neċessarjament jikkomprendu kull aspett tal-ħajja soċjali ta' pajjiż, huma ta'

portata mill-aktar estensiva... u qatt ma ġie ddubitat li fond jista', fl-interess pubbliku, jiġi rekwiżizzjonat għall-iskopijiet kulturali..." (*v.* sentenza "**Albert Galea *vs* Onorevoli Dottor Patrick Holland**" Qorti ta' l-Appell, 20 ta' Jannar 1980). M'hemmx dubju li l-allokament tal-fond lill-Każin konvenut kien fl-interess pubbliku. Ma jidhirx li dan l-allokament ma kienx daqstant fl-interess pubbliku minħabba li l-Każin ġà kellu każin. Għalhekk il-motiv tan-nuqqas ta' interess pubbliku, pretiż mill-atturi, ma jirriżultax;

8. Il-motiv l-ieħor li fuqu hija bbażata l-ewwel domanda hu li r-*requisition order* ħareġ fuq persuna mejta. Anki f'dan il-każ il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tiddeċidi, billi l-kwistjoni timplika li l-konvenut Segretarju tad-Djar għamel att, ċjoè ħareġ *requistion order*, li ma kienx fis-setgħa tiegħu li jagħmel;

9. Ir-*requisition order* in kwistjoni huwa indirizzat lil Pasquale Vella, missier l-atturi. Jirriżulta li fid-data ta' l-emissjoni ta' l-ordni, 30 ta' Diċembru, 1986, Pasquale Vella kien mejjet. B'danakollu l-artikolu 2 tal-Kapitolu 125 jiddifinixxi "rekwiżizzjoni" bħala "t-teħid ta' pussess ta' bini jew il-ħtieġa li l-bini jitħalla f'idejn l-awtorità li toħroġ ir-rekwiżizzjoni". L-isem ta' sid il-post jew tad-detentur tiegħu m'huwiex rekwiżit fil-ħruġ ta' rekwiżizzjoni. Lanqas in-notifika ta' tali persuna ma hija rekwiżita. Dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jaffettwaw l-esekuzzjoni, jew il-mod ta' l-esekuzzjoni ta' l-ordni ta' rekwiżizzjoni iżda mhux il-validità jew le ta' dak l-ordni. Għalhekk lanqas it-tieni motiv, bażi ta' l-ewwel talba, ma jirriżulta sostenibbli;

10. Waħda mill-premessi fiċ-ċitazzjoni hi li "anki jekk għall-grazzja ta' l-argument il-ħruġ tar-*requisition order* fuq

imsemmi hu validu, it-teħid tal-ġnien imur oltre l-poteri tas-Segretarju tad-Djar *stante* illi s-Segretarju tad-Djar "ma jistax jirrekwiżizzjona *'lands or gardens' (not) forming part or enclosed within the precincts of houses and buildings"*;

11. Preċiżament kif ippremettew l-atturi, is-Segretarju tad-Djar ma jistax jirrekwiżizzjona artijiet jew ġonna li ma jagħmlux sehem minn djar jew bini li m'humiex magħluqin fihom (ara artikolu 2 u 3(1) Kap. 125)";

u mill-paragrafu 12 sal-paragrafu 16 is-sentenza tikkonsidra l-kwistjoni tal-ġnien, b'eżitu favorevoli għall-atturi, liema paragrafi m'hemmx għalfejn li jiġu riportati għar-raġunijiet li se jingħadu *infra.* Imbagħad is-sentenza tikkonkludi:

"17. Għalhekk ir-*requisition order* 29580 ġiet maħruġa konformement mal-liġi u hija valida, b'mod li l-ewwel domanda ma għandhiex tiġi akkolta. Lanqas ma għandha tiġi milqugħa t-tieni domanda li hija subordinata għall-ewwel waħda;

18. Għal kull buon fini jiġi rrilevat li ċ-ċitazzjonijiet mill-Kapitolu 125 huma mit-*test* viġenti qabel ma dan ġie emendat bl-Att XXXVII ta' l-1989 b'seħħ mit-12 ta' Diċembru, *1989.* L-emendi relattivi ma jaffettwawx il-każ preżenti, u dan in vista tal-paragrafu 10 ta' l-Att imsemmi. Dan il-paragrafu jgħid: "Id-disposizzjonijiet ta' l-Att prinċipali (Kap. 125) kif fis-seħħ qabel il-bidu fis- seħħ ta' dan l-Att, għandhom minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jibqgħu fis-seħħ għar-rigward ta' kull ordni ta' rekwiżizzjoni fis-seħħ minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att li bih bini jkun rekwiżizzjonat għal xi għan li ma jkunx il-għan biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar..." Bl-emendi in kwistjoni l-kariga msejħa Segretarju

tad-Djar bdiet tissejjaħ Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali;

Għall-motivi premessi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Segretarju tad-Djar bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tiċħad l-ewwel u t-tieni talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Tiddifferixxi l-kawża *sine die*";

7. L-appell ta' l-atturi jillamenta illi: (a) meta ordni ta' rekwiżizzjoni ssir biex takkomoda soċjetà privata bħal ma hija l-Filarmonika San Leonardo dan ma jkunx sar fl-interess pubbliku, u (b) meta l-istess ordni toħroġ kontra persuna mejta ma tistax tkun valida;

8. Id-Direttur irrisponda l-appell fis-sens illi (a) l-ordni ta' rekwiżizzjoni, meta ħarġet, kienet ħarġet fl-interess pubbliku, bħala skop, (b) illi l-ordni għandha effetti reali u mhux personali u għalhekk in-notifika skorretta tagħha ma tinvalidax l-effetti tagħha, (ċ) għall-parti tal-kawża li tirrigwarda l-ġnien, dan il-ġnien se jiġi rrilaxxjat u l-likwidazzjoni tad-danni, limitatament għad-danni li saru ġo fih, huwa se jaddivjeni għal-likwidazzjoni tagħhom;

9. Il-pern tal-kwistjoni preżenti qiegħed f'dak li jfissru l-kliem ta' l-art. 3(1) ta' l-Att II ta' l-1949 dwar id-Djar kif sussegwentement diversi drabi emendat, sa l-emenda pjuttost sostanzjali li saret bl-Att XXXVII ta' l-1989. Naturalment, dak li jrid jiġi f'din il-kawża applikat huwa t-*test* tal-liġi kif kien fil-mument rilevanti, jiġifieri fit-30 ta' Diċembru, 1986;

Testwalment:

"Jekk is-Segretarju (kif kien jissejjaħ id-Direttur f'dak iż-żmien) jidhirlu li huwa meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk fl-interess pubbliku jew biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar jew biex jiżgura t-tqassim xieraq ta' postijiet fejn wieħed jista' jgħammar, huwa jista' joħroġ rekwiżizzjoni għal kull bini...."";

10. F'din il-kawża, dak li jrid jiġi eżaminat hija l-ewwel parti ta' l-artikolu u ċjoè illi d-Direttur ħareġ l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni tat-30 ta' Diċembru, 1986, **deherlu li huwa meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk fl-interess pubbliku,** inkwantu huwa konċess minnu stess li dak ma ħariġx l-Ordni la biex jipprovdi lin-nies lok fejn jistgħu jabitaw u lanqas sabiex jassikura t-tqassim xieraq ta' postijiet ta' abitazzjoni, li huma ż-żewġ skopijiet l-oħra li l-liġi tippotizza bħala l-motivazzjonijiet jew ġustifikazzjonijiet għall-Ordni ta' Rekwiżizzjoni;

11. Il-partijiet fin-noti tagħhom għamlu riferenza għal sentenzi ta' dawn il-Qrati li kkonsidraw din l-ewwel ipotesi tal-liġi tad-Djar, u fuqhom din il-Qorti, għandha dawn l-osservazzjonijiet x'tagħmel:

(i) App. **25-1-1957 – V.F. Denaro *vs* Onor. E. Tabone *ne et* XLI.I.34;**

Din il-Qorti ddikjarat nulla u bla effett rekwiżizzjoni peress li ma ġietx osservata l-**forma** meħtieġa mil-liġi;

Il-forma użata, fl-ordni, kienet din:

*"Whereas it is expedient in the public interest, for providing living accommodation to persons and for ensuring a fair*

*distribution of living accommodation...";*

Il-fond rekwiżizzjonat kien qed jiġi użat bħala ufficċju tal-Gvern, u s-Segretarju tad-Djar kellu d-dritt li jirrikwiżizzjona bini fl-interess pubbliku biex dak il-bini jiġi użat bħala ufficċju governattiv, però ma setax jirrikwiżizzjona fond fl-interess pubbliku sabiex jipprovdi akkomodazzjoni biex fiha jgħixu n-nies u biex jassikura distribuzzjoni xierqa ta' postijiet ta' abitazzjoni, imbagħad juża l-fond bħala ufficċju tal-Gvern;

Din is-sentenza hija orjentata lejn il-prattika ġudizzjarja li kienet tiddistingwi bejn forma u sustanza – fejn b'forma tifhem dik li jkun hemm ifformalizzat fl-Ordni ta' Rekwiżizzjoni li joħroġ is-Segretarju tad-Djar. Tgħid is-sentenza:

"Hu ċar, mil-lokuzzjoni fuq imsemmija, illi, kienet x'kienet l-intenzjoni ta' l-awtorità li għamlet ir-rekwiżizzjoni, il-kliem użati jimpurtaw limitazzjoni tal-*public interest* fis-sens li, fil-każ ta' din ir-rekwiżizzjoni partikolari, dan il-*public interest* kien qiegħed jiġi magħmul jikkonsisti *"for providing living accommodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accommodation"*. Il-Gvern seta' liberament uża l-kliem *"in the public interest"* bla ebda limitazzjoni ta' xejn; iżda f'dan il-każ irrestrinġa l-portata ta' dik il-frażi, normalment ampja u komprensiva, bil-kliem sussegwenti; b'mod li r-*requisition order* ġiet li tirriferixxi għall-iskop ta' abitazzjoni. Issa, hi ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li għall-attijiet *jure imperii* (kif inhi *requisition order)* il-Gvern mhux sindikabbli mill-Qrati, u dawn ma jistgħux jiddiskutu l-opportunità jew ġustizzja ta' provvediment amministrattiv tal-Gvern, jekk l-awtorità kienet kompetenti li tieħu dak il-provvediment, u jekk dan il-provvediment ġie miħud fil-forma li tmiss";

Wara dan, isegwi riferenza għal diversi sentenzi li ngħataw bejn l-1894 u l-1951;

(ii) Qorti Ċivili, Prim'Awla – **1-2-1958. P. Vella** ***vs*** **Onor. J. Ellul Mercer** ***ne*** – Vol. XLII.II.892;

Din is-sentenza tistabbilixxi illi l-proprjetarju ta' fond rekwiżizzjonat huwa ġġustifikat li ma jirrikonoxxix bħala inkwilin tal-fond 14, Kirkop Square, Ħal-Kirkop, lis-soċjetà *St. Leonard's Band Club;*

Ir-rikorrent – Pasquale Vella – kien l-awtur ta' l-atturi tal-preżenti kawża. Dan il-proċediment segwa l-ewwel Ordni ta' Rekwiżizzjoni msemmija fil-kawża;

(iii) Appell – **20-3-1958** – **W.R.K. Dun E. Farrugia** ***vs*** **Onor. J. Ellul Mercer** ***noe*** Vol. XLII.I.172;

Din hija sentenza li tiddeċidi rikors ta' proprjetarju ta' fond rekwiżizzjonat li jitlob li ma jirrikonoxxix bħala inkwilin lill-persuna li s-Segretarju Rekwiżizzjonanti jkun poġġa fil-fond;

Hija rrilevanti għall-vertenza quddiem il-Qorti – ħlief għal dik il-parti tagħha li kienet tirrigwarda l-kwistjoni tal-ġnien – li però, f'dan l-istadju l-Appell ġiet aċċettata mid-Direttur;

(iv) Appell – **3-10-1958** – **Onor. J. Ellul Mercer** ***ne*** ***vs*** **Dr. J. Pullicino** Vol. XLII.I.406;

Din id-deċiżjoni tikkonsidra x'poteri kellu s-Segretarju, fil-fond rekwiżizzjonat, wara li joħroġ l-Ordni. Għalhekk mhix rilevanti;

(v) Qorti Ċivili, Prim'Awla – **10-1-1961 – W. Micallef** ***vs*** **A. Pdesta** ***ne;***

Tirrigwarda nuqqas ta' rikonoxximent ta' l-inkwilin ta' fond rekwiżizzjonat. Mhix rilevanti;

(vi) App. **4-5-1973. H. Camilleri** ***vs*** **A. Reginiano** ***et;***

Din is-sentenza ddeċidiet illi Ordni ta' Rekwiżizzjoni li tkun ħarġet **qbel** ma joħroġ ċertifikat ta' dekontroll tal-fond, minħabba f'din l-Ordni posterjuri, ma tibqax valida;

(vii) Qorti Kostituzzjonali – **19-6-1973. E. Ferro** ***vs Housing Secretary.*** M'hemm xejn f'din is-sentenza li tirrigwarda l-interess pubbliku, u għalhekk hija, għall-iskopijiet preżenti, irrilevanti;

(viii) Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – **21-7-1973 – G. Sciberras** ***vs Housing Secretary et;***

Din is-sentenza – indikata fin-nota ta' riferenzi ta' l-attur – hija rilevanti għaliex tesponi illi l-ġurisprudenza li fuqha keinet ibbażata s-sentenza hawn fuq indikata (1) **Denaro** ***vs*** **Tabone,** li applikat it-teorija tad-dwalità fl-operat ta' l-Istat – *"jure imperii"* u *"jure gestionis"* – kienet ġiet ġà kkontrastata għall-ewwel darba fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-**7 ta' Jannar, 1935 – Marquis J. Cassar Desain** ***vs*** **J. L. Frobes** ***ne,*** u sussegwentement, infatti, ġeneralment abbandunata – App. – **8-1-1965 R. Butler** ***vs*** **A. Camilleri** ***ne;*** P.A.Q.C. – **14-8-1972 – J. Lowell** ***et vs*** **Onor. C. Caruana** ***et;***

F'dan l-istadju huwa opportun li jiġi rinotat u rrimarkat

illi l-ġurisprudenza prevalenti, bejn wieħed u ieħor, wara l-1964, kienet abbandunat id-duttrina li serviet għas-soluzzjoni tas-sentenza tal-25-1-1957 – **Denaro vs Tabone,** u bdiet tiġi segwita aktar frekwentement dik li tista', konċiżament, tiġi kkwalifikata bħala l-ġurisprudenza ispirata mill-prinċipji tar-*"Rule of Law"* tal-ġurisprudenza Ingliża, b'dawk id-differenti, li inevitabbilment, il-ġurisprudenza tagħna laħqet assorbiet mid-duttrina tal-*"Lo Stato di Diritto"* tal-pajjiżi kontinentali;

Din il-Qorti tikkonsidra li din hija t-triq it-tajba, li però f'ċerti każijiet għadha arġinata mid-disposizzjonijiet ta' l-art. 742 subinċiż (2) li daħal *in vigore* bl-Att VIII ta' l-1981;

Is-sentenzi l-oħra li jissemmew fin-nota ta' l-appellant huma rrilevanti għall-każ u m'hemmx għalfejn jiġu kkunsidrati;

12. Fil-każ preżenti, il-problema tal-limitazzjoni tal-kompetenza (art. 742(2) Kap. 12) ġiet risoluta fis-sentenza appellata, u ebda lament fuq daqshekk ma ġie rreġistrat mill-appellati, u għalhekk din il-Qorti tista' tgħaddi biex tapplika l-prinċipji tad-dritt għall-mertu tal-kawża;

13. Fil-para. 7 s-sentenza appellata tagħmel riferenza għal dak li ġie deċiż minn din il-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Jannar, 1980, fl-ismijiet **A. Galea vs Onorevoli Dr. P. Holland *ne et*** Kwotazzjoni aktar ampja hija din:

"Fil-fehma ta' din il-Qorti.....il-kliem interess pubbliku, in kwantu neċessarjament jikkomprendu kull aspett tal-ħajja soċjali ta' pajjiż, huma ta' portata mill-aktar estensiva; u kif ma jistax u qatt ma ġie ddubitat li fond jista', fl-interess pubbliku, jiġi rekwiżizzjonat għall-skopijiet kulturali, reliġjużi u sportivi,

daqstant ieħor ma jistax jiġi ddubitat li fond jista' jiġi rekwiżizzjonat fl-interess eminentement pubbliku li tiġi mħejjija l-attività politika ta' pajjiż.....;

Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet magħmulin fis-sentenza appellata, *stante* li l-interess pubbliku jikkomprendi l-ħajja u l-attivitajiet politiċi promossi minn diversi partiti li jassiguraw it-tħaddim tas-sistema demokratiku tal-pajjiż.....;

Għalhekk hu ċertament fl-interess pubbliku li jkun hemm partit politiċi u li dawn isibu fejn jistgħu jiltaqgħu u jiżvolġu l-attivitajiet tagħhom'';

Is-sentenza appellata tapprova din il-linja u għalhekk tikkonkludi:

''M'hemmx dubju li l-allokament tal-fond lill-każin konvenut kien fl-interess pubbliku'';

14. Din il-Qorti, bir-rigward kollu, ma tistax tifhem minn fejn ġej dan l-intendiment li l-kliem interess pubbliku għandhom ''portata mill-aktar estensiva'', speċjalment f'kontest ġuridiku;

Il-pubbliku interess li f'ismu jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet u jsiru dawn l-atti mill-awtorità pubblika-emanazzjoni tar-*res publica*, l-universalità tar-*res* li fiha jinġabar il-ġid komuni taċ-ċittadini kollha, u għal liema ġid komuni huma diretti l-liġijiet – qatt ma jista' jkun riferit għal kwalsiasi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'għandux applikazzjoni għall-ġeneralità taċ-ċittadini, ta' l-universalità tal-pubbliku fl-Istat. Ir-raġunament fis-sentenza **Galea *vs* Holand** huwa fallaċi għaliex l-użu ta' fond għall-skopijiet kulturali jista' jkun magħmul fl-

interess pubbliku jekk l-attività kulturali tkun magħmulha minn awtorità pubblika u mhux meta tkun magħmula minn persuna jew assoċjazzjoni privata, billi l-użu, fl-ewwel lok, huwa fl-interess ta' dik il-persuna jew assoċjazzjoni. Il-possibbilità ta' aċċess tal-pubbliku għal dik l-attività ma tittrasformahiex b'daqshekk, minn attività li hija intrinsikament privata f'attività intrinsikament pubblika. U difatti dik l-aċċessibbilità tista' tiġi ristetta u limitata kif jidhirlu l-interess privat;

L-istess japplika fil-każ ta' fond użat għal xi skop reliġjuż. Fi stat bħal dak tagħna, il-pluralità ta' reliġjonijiet hija ammessa. Għalhekk ma jistax jingħad li huwa fl-interess pubbliku li fond jittieħed mill-pussess ta' ċittadin privat biex jingħata għall-użu ta' xi reliġjon partikolari, kemm jekk din tkun dik li hija prominenti u diffuża fostna, ir-Reliġjon Kattolika Rumana, u kemm jekk tkun kwalsiasi waħda oħra, bħal per eżempju Musulmana jew Lhudija, Protestanti jew Buddista. L-interess ta' reliġjon partikolari mhix ekwivalenti għall-interess pubbliku ta' l-Istat;

L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu għar-rigward tal-kamp politiku, kulturali jew sportiv. **L-interess partikolari** ta' partit politiku, ta' xi assoċjazzjoni kulturali jew sportiva, każin jew *club*, proprju għaliex huwa partikolari, ma jistax ikun identifikat ma' l-interess pubbliku, komuni u ġenerali, proprju għaliex ma jistax l-interess ġenerali jiġi ridott għall-interess partikolari. Huma d-**drittijiet** privati, u mhux l-**interess** privat, li jistgħu, u f'ċerti każijiet għandhom, ikunu materja ta' interess pubbliku. Però billi l-**materja** ta' l-interess tista' tkun l-istess waħda kemm privat u kemm pubbliku, xorta ma tistax issir konfużjoni bejn l-aspett pubbliku u l-aspett privat ta' l-istess "interess";

Hekk, per eżempju, l-interess pubbliku, min-natura tiegħu stess, ma jistax ikun interess li leġittimament u raġonevolment jista' jiġi kkontrastat minn xi parti mill-ġeneralità tal-pubbliku; mentri l-interess privat jista' jkun raġonevolment u leġittimament ikkontestat minn interess privat ieħor. Dan il-kriterju jidher li huwa biżżejjed biex iservi bħala kontroll biex tiġi identifikata l-kwalità ta' interess li jkun in kwistjoni;

15. Huwa vitali li l-kunċett ta' l-interess pubbliku jiġi dejjem aktar ipprecizat u ppurifikat minn konnotazzjonijiet improprji. Jekk, per eżempju, id-Direttur konvenut joħroġ żewġ Ordnijiet ta' Rekwiżizzjoni u jalloka l-ewwel fond biex fih tinfetaħ skola privat u jalloka l-ieħor biex fih tinfetaħ skola pubblika, ma jidhirx li huwa kkonsentit li jiġi ritenut li, fiż-**żewġ każijiet**, dak li sar, sar fl-interess pubbliku;

Din il-Qorti, fl-imsemmija sentenza **Galea *vs* Holland** kienet argumentat illi ġaladarba l-Edukazzjoni hija ta' interess pubbliku allura għandu jkun hemm skejjel li jippropagaw l-edukazzjoni. Dan iżda m'huwiex loġikament preċiż, għaliex il-punt m'huwiex jekk l-Edukazzjoni hijiex ta' interess pubbliku, iżda jekk huwiex fl-interess pubbliku li l-Istat jipprovdi fond immobbli għal skola privata billi jirrikwiżizzjona proprjetà privata. Jekk dan ma jiġix ipprecizat, il-kunċett ta' interess pubbliku jiġi improprjament estiż ("portata mill-aktar estensiva") biex jawtorizza l-indħil ta' l-Istat f'kull attività konċepibbli, inkwantu illum prattikament kull attività tinteressa l-Istat modern, u għalhekk flok mal-kunċett iservi sistema demokratiku, jiġi jservi sistema totalitarju. Kif faċilment jista' jiġi intuwit, proprju għaliex m'hemm ebda limitazzjoni konċettwali din il-kwalità ta' "interess pubbliku" tista' faċilment tasal ukoll biex timmina anki d-drittijiet u libertajiet

fundamentali, billi, skond l-art. 32 tal-Kostituzzjoni, kull persuna hija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali, jiġifieri d-dritt għall-ħajja, libertà, sigurtà tal-persuna, it-tgawdija ta' proprjetà u l-protezzjoni tal-liġi, il-libertà ta' kuxjenza, ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni paċifika u r-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu – liema drittijiet però huma suġġetti għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u ta' l-**interess pubbliku.** M'huwiex għalhekk possibbli għal din il-Qorti li taqbel ma' dawk il-konnotazzjonijiet ta' l-interess pubbliku li ssemmew;

16. Huwa għalhekk minn kull *punto di vista* ġuridiku, doveruż li jiġi rritenut u ddikjarat illi huma totalment inammissibbli ż-żewġ enunċjazzjonijiet fallaċi li hemm fiż-żewġ sentenzi li ġew ikkwotati:

(a) L-ewwel waħda, li qalet:

''Il-Gvern seta' liberament uża l-kliem *''in the public interest''* bla ebda limitazzjoni ta' xejn'';

billi (i) din timplika li l-użu ta' dik il-frażi kienet effettivament tillibera l-Gvern minn **kull** limitazzjoni fl-azzjoni tiegħu, u (ii) u li dawk il-kliem, allura, tant ifissru li jikkomprendu kollox, li daqstant ieħor difatti, jista' jingħad li ma jfissru xejn ifissru l-kuntrarju billi ''bla ebda limitazzjoni'' tfisser ukoll *''against the public interest but in its name''*, (**Denaro vs Tabone** 25-1-1957) u,

(b) it-tieni, is-sentenza **Galea vs Holland** 20-1-1980, li kompliet fuq l-istess **Denaro vs Tabone,** billi qalet:

"il-kliem "interess pubbliku" in kwantu neċessarjament jikkomprendu kull aspett tal-ħajja soċjali ta' pajjiż, huma ta' portata mill-aktar estensiva; u kif ma jistax u qatt ma ġie ddubitat li fond jista', fl-interess pubbliku, jiġi rekwiżizzjonat għall-iskopijiet kulturali, reliġjużi u sportivi, daqstant ieħor ma jistax jiġi ddubitat li fond jista' jiġi rekwiżizzjonat fl-interess eminentement pubbliku li tiġi mħejjija l-attività politika ta' pajjiż";

billi (a) tikkonfondi u tonqos li tiddistingwi bejn l-interess pubbliku u l-interess privat, billi l-privat isir pubbliku, u (b) tirriduċi kunċett ġuridiku bħal ma huwa l-interess pubbliku – konċett neċessarju għal sistema ġuridiku demokratiku – għal mera espressjoni vaga u vakwa li sservi kull forma ta' statalizmu;

17. Finalment, imbagħad, u konsegwentement, din il-Qorti, ikkonfrontata b'kunċett ta' din l-importanza u ta' konsegwenzi primarji għall-istess Kostituzzjoni ta' l-Istat ma tistax tkun annoverata ma';

*"...sceptics (who) often buttress their arguments by pointing out that most theoretical writing about the public interest is vague and confused";*

(B. Barry – *The Public Interest in Political Philosophy, Edited by A. Quinton, Oxford University Press Reprint 1968* p. 112);

u dan billi hija fid-dover li tinterpreta l-kliem kardini għall-Kostituzzjoni, fl-ispirtu xieraq għall-ħtieġa kollawdata li:

*"Every human society must strike a proper balance between*

*individual liberty and common action"*;

(Michael Novak – *Free Persons and the Common Good – Madisan 1989* p. 122) fejn l-azzjoni komuni għaliex komunitarja, hija verament ġustifikata mill-interess pubbliku u komuni;

18. Il-poter li l-liġi kienet tikkonċedi lis-Segretarju tad-Djar (kif kien jissejjaħ f'dak iż-żmien) biex jista' jirrekwiżizzjona kien ċirkoskritt għal tliet skopijiet, li diġà ssemmew. L-iskop li huwa rilevanti huwa l-ewwel wieħed li jissemma fl-art. 3(1) Kap. 125 u ċjoè l-interess pubbliku. Is-sentenza appellata, fil-para. 5, korrettement irriteniet illi ġaladarba l-atturi qegħdin jallegaw li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni ma ħarġitx fl-interess pubbliku allura s-Segretarju eċċeda l-poter lilu konċess u opera *ultra vires;* bil-konsegwenza li l-kompetenza tal-Qorti ma ġietx eskluża in konformità ma' l-art. 742(2)(a) Kap. 12;

19. Id-diskrezzjoni li dan l-artikolu jikkonċedi li-Segretarju hija espressa hekk:

"Jekk is-Segretarju jidhirlu li hu meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk..."

jiġifieri li meta jirrikorri xi wieħed mit-tliet skopijiet li ssemmi l-liġi, allura d-deċiżjoni jekk jirrikwiżizzjonax jew le tiddependi mill-volontà tiegħu;

Din il-konċessjoni diskrezzjonali hija tali għaliex l-eżerċizzju ta' volontà mħollija libera ma tistax tkun ridotta għal xi oġġettività li tista' tiġi sindakata;

L-iskopijiet li jiġġustifikaw ordni ta' rekwiżizzjoni – għall-kuntrarju – huma ta' natura oġġettiva; jiġifieri jridu jirriżultaw oġġettivament u għalhekk huma passibbli ta' kontroll u verifika u sindakabbli;

Għalhekk m'hemmx lok għal konfużjoni li ħafna drabi ssir billi tiġi prospetta posizzjoni diskrezzjonali meta, fir-realtà, ġuridikament, din ma tkunx hekk;

20. *Del resto,* għandu jiġu osservat illi ma kienx hemm konsistenza fl-argument tradizzjonali ta' l-ewwel approċċ ġurisprudenzjali kif esemplifikat fis-sentenza **Denaro *vs* Tabone** (para. 11(i) *supra)* għaliex jekk il-Qorti kienet tannulla Ordni ta' Rekwiżizzjoni jekk jirriżulta bil-miktub li l-iskop li għalih ħarġet l-Ordni ma jaqbilx ma' dak l-użu li attwalment isir mill-fond, l-istess għandu jkun ir-riżultat meta dak l-użu ma jkunx jista' jiġi attwalment ġustifikat mill-ebda wieħed mill-iskopijiet li jistgħu jilleġittimaw l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni. Jekk kemm-il darba kien kontra l-liġi li s-Segretarju jgħid li se jirrikwiżizzjona l-fond fl-interess pubbliku biex jipprovdi akkomodazzjoni residenzjali u mbagħad jużah bħala uffiċċju tal-Gvern (u l-Qorti hemmhekk dan iddikjaratu) biex setgħet tiddikjarah, il-Qorti kellha bilfors teżamina jekk kemm-il darba kien hemm konformità bejn dak li tgħid il-liġi u dak li għamel is-Segretarju;

Anzi f'dak li qalet fis-sentenza hemm impliċitu dak li qed tgħid li ma tagħmilx; ċjoè qed tiddikjara li meta s-Segretarju jgħid li f'isem l-interess pubbliku jirrikwiżizzjona fond biex jallokah għar-residenza ta' xi persuna u biex jassikura distribuzzjoni ekwa ta' l-akkomodazzjoni residenzjali, dan ma setax jagħmlu għaliex huwa stess kien qed jirristinġi l-portata tal-frażi; il-Qorti effettivament qed tiddeċidi fuq is-sinifikat ta'

l-interess pubbliku u qed tgħid li f'dak is-sinifikat **ristrett** is-Segretarju aġixxa ħażin proprju għaliex dak li għamel ma jaqbilx ma' dik il-**konnotazzjoni ristretta;** mentri jekk dik il-konnotazzjoni titħalla bla preċiżazzjoni allura l-Qorti ma tissindakahiex. U dan meta fl-istess waqt qed tafferma illi l-interess pubbliku m'għandu l-ebda restrizzjoni fil-konnotazzjoni;

*Del resto* l-Qorti kienet qed issegwi dak li dehrilha li tista' tiddeduċi mill-kliem tal-liġi stess illi meta din issemmi, bħala skopijiet distinti ta' l-azzjoni tad-Direttur rekwiżizzjonanti, (a) l-interess pubbliku, (b) biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar, (ċ) biex jiżgura t-tqassim xieraq ta' postijiet fejn wieħed jista' jgħammar, dan ifisser illi ż-żewġ skopijiet (b) u (ċ) ma kinux kompriżi fl-ewwel skop (a) – l-interess pubbliku, u b'hekk kienet kontemporanjament qed tirrikonoxxi li allura ma kienx assolutament u verament possibbli li jingħad li kollox kien armonjożament loġiku;

21. Għal dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qed ti riforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonferma fil-parti tagħha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza, qed tirrevokaha għall-bqija billi tilqa' l-ewwel u t-tieni talba ta' l-atturi, u għall-iskopijiet ta' l-istess tieni talba tiffissa terminu ta' sitt xhur mil-lum;

L-atti tal-kawża għandhom jintbagħtu lura quddiem l-Onorevoli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-eżami u deċiżjoni tat-tielet talba;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.